MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Mandat Numru. 462/2015/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 462/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Helen Magri (ID861247M) legalment separata minn Angelo Magri**

**vs**

**Dr Alessandro Lia u l-PL Luisa Tufigno b' digriet tas-7 ta' April 2015 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Melissa Aquilina u**

**Frank Aquilina, ahwa Aquilina t-tnejn assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Helen Magri (861247M) datat 18 ta' Marzu 2015 fejn -

Illi nghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament:-

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimati milli:-

jbieghu, jaghtu b'cens, jghabbu jew b'kull mod iehor jittrasferixxu jew jizvalutaw il-valur fis-suq billi jippermettu li jsir dejn fuq iz-zewg fondi u cioe' numru 25, Triq Farsons il-Hamrun u numru 27, Triq Farsons il-Hamrun, dan tal-ahhar mikri lil terzi.

Illi r-rikorrenti li ilha sseparata minn zewgha Angelo permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat min-Nutar Dr. Hugh Grima fil-11 ta' Novembru

1987 kopja hawn annessa bhala Dokument A ghal madwar 29 sena, ilha ghall-istess zmien tghix wahida u ghal dawn l-ahhar ghaxar snin cirka man-neputija taghha Rodianne Cauchi.

Illi ghal dawn l-ahhar 15-il sena u fuqhom l-esponenti kienet, kif mitluba minn missier l-intimati Riccardo Aquilina li miet fl-24 ta' Dicembru 2014 tiehu hsieb l-imsemmi Riccardo Aquilina fil-bzonnijiet kollha tieghu, titimghu, tahsillu, tnaddaflu d-dar u bzonnijiet ohra kif jigi ndikat b'izjed dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana wkoll minhabba li Riccardo Aquilina kien jghix wahdu billi ddivorzjat mit-tieni mara tieghu anke minn qabel ma bdiet tiehu hsiebu l-esponenti u billi ma kellu hadd minn uliedu biex jiehdu hsiebu u jduru bih billi dawn kollha jghixu barra mill-pajjiz u qajla kienu jmorru jzuruh.

Illi s-servizzi li l-esponenti rrendiet lil missier il-kontendenti kienu dejjem gew hekk rezi bil-promessa li l-esponenti kellha tigi mhallsa ghall-istess wara l-mewt ta' Riccardo Aquilina billi fit-testment tieghu kellu jghaddilha u "dana b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih", in uzu u uzufrutt tal-fond numru 27, Triq Farsons, il-Hamrun kif ukoll halliha werrieta in aggunt ghal dan il-prelegat fit-terz indiviz flimkien mal-intimati tal-assi kollha tieghu kollox skont it-testment li ghamel fis-16 ta' Jannar 2012 quddiem in-Nutar Dr. Hugh Grima Dokument B hawn anness.

Illi ghall-habta ta' Dicembru 2013 l-esponenti u d-*decuius* kienu llittigaw fuq hmerija b'dan illi ghal cirka xahrejn jew forsi ftit fuqhom l-esponenti waqfet milli tkompli tipresta s-servigi fuq imsemmija sakemm id-*decuius* rega' baghat ghaliha biex tkompli ddur bih kif kienet ilha taghmel dawk is-snin kollha u hekk ghamlet mill-ahhar ta' Frar bidu ta' Marzu sakemm miet tant illi dan miet f'idejha b'uliedu msifrin fosthom l-intimati.

Illi f’dawk ix-xahrejn cirka illi l-esponenti u d-*decuius* kienu migbudin, Riccardo Aquilina lahaq ghamel testment li permezz tieghu huwa annulla t-testment precedenti tieghu, dokument A li permezz tieghu hassar dak it-testment b'testment iehor li fih ir-rikorrenti ma gietx imsemmija mkien u dana permezz tat-testment ippublikat min-Nutar Nathania Tabone, Dokument C hawn anness.

Illi ghalkemm wara li sar it-testment appena msemmi l-esponenti ftit gimghat biss wara li dan sehh regghet bdiet tipresta l-istess servigi kif kienet ilha taghmel bla interuzzjoni hlief ghal dawk ix-xahrejn ghal dawn l-ahhar 15-il sena d-*decuius* ma regax varja dan l-ahhar testment tieghu billi jerga' jqieghed lill-esponenti fil-pozizzjoni li kienet qabel ma' sehh dan l-argument ta' ftit xhur b'dan illi llum hija giet f’sitwazzjoni li ta' dak kollu li ghamlet ghad-*decuius* spicca minghajr ebda kumpens.

Illi ghalkemm l-esponenti kkomunikat mal-intimata Melissa Aquilina wara l-mewt tad-*decuius* u semmitilhom ic-cirkostanzi u r-raguni ghaliex id-*decuius* kien bidel it-testment u dina tgharfitilha li kienet ben konxja tas-snin twal li l-esponenti kienet ilha ddur b'missierha, qaltilha wkoll illi l-ewwel trid tara mal-intimat l-iehor u terga' tikkomunika maghha. Minflok ghamlet hekk nehhietha minn fuq il-*facebook* taghha u lanqas biss qieghda tirrispondi d-diversi telefonati li ghamlitilha l-esponenti.

Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk l-intimati ma jigux inibiti kif inghad billi hlief ghal dawn iz-zewg proprjetajiet immobbiljarji m'hemm xejn fil-proprjeta' tad-*decuius* li wirtuh l-intimati biex jaghmel tajjeb ghall-ammont pretiz mill-esponenti billi ukoll wara l-mewt ta' Richard Aquilina l-fond ta' residenza tieghu gie mill-ewwel okkupat minn membri tal-familja tieghu;

Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk l-intimati ma jigux inibiti kif inghad.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Marzu 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-9 ta’ April 2015.

Rat ir-rikors ta’ Helen Magri datat 18 ta’ Marzu 2015 (fol 17) fejn talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Melissa u Frank awha Aquilina in konnessjoni mal-mandat ta’ inibizzjoni; u l-Qorti kif diversament presjeduta innominat lil Dr Alessandro Lia u lill-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi, u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-7 ta’ April 2015.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Alessandro Lia u lill-Prokuratur Legali Luisa Tufigno fil-kwalita taghhom ta’ Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Melissa Aquilina u Frank Aquilina, ahwa Aquilina t-tnejn assenti minn dawn il-Gzejjer, datata 20 ta’ April 2015 a fol 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-23 ta’ April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Alessandro Lia bhala kuratur ghall-assenti. Prezenti r-rikorrenti assistita

minn Dr Kenneth Grima. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

**Ikkonsidrat** li bir-rikors premess, ir-rikorrenti qed titlob li l-intimati jigu inibiti milli jbieghu, jaghtu b'cens, jghabbu jew b'kull mod iehor jittrasferixxu jew jizvalutaw il-valur fis-suq billi jippermettu li jsir dejn fuq zewg fondi, cioe` il-fond numru 25, fi Triq Farsons il-Hamrun, u l-fond numru 27 fi Triq Farsons Hamrun, dan ta' l-ahhar jinsab mikri lil terzi.

L-intimati tramite l-kuratur taghhom opponew ghat-talbiet u ssollevaw ragunijiet procedurali u sostantivi li ser jigu trattati aktar 'il quddiem.

### Ragunijiet ghat-Talba

Il-fatti li wasslu ghat-talba odjerna huma, fil-qosor is-segwenti. Ir-rikorrenti hija separata legalment minn zewgha u tghid li ghall-ahhar hmistax-il (15) sena, kienet ilha tikkura u tippresta servigi lil Riccardo Aquilina, missier l-intimati, li miet fl-24 ta' Dicembru 2014. Dawn is-servigi jew rezi bil-promessa ta' hlas. Skont ir-rikorrenti, dan id-debitu gie rikonoxxut mid-decujus fl-ewwel testment tieghu tas-16 ta' Jannar 2012 (**DOK.B)** fejn hallilha b'titolu ta' prelegat l-uzu u l-uzufrutt tal-fond 27 fi Triq Farsons, il-Hamrun, mikri lill-terzi "*u dan b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih."* In aggunt istitwiha, flimkien maz-zewg intimati uliedu, b'eredi universali ta' gidu kollu. Dan it-testment gie imhassar u rrevokat b'testment sussegwenti tal-25 ta' Frar 2014 (**DOK.C)** f'dak kollu li jirrigwarda lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti iddeduciet il-pretensjoni taghha b'Rikors Guramentat fl-istess ismijiet.

Ir-rikorrenti ssostni li l-jedd taghha kien rikonoxxut mid-decujus fl-ewwel testment, u dan il-kreditu jirrizulta *prima facie.* Tghid ukoll li l-intimati jghixu barra minn Malta u l-htiega ghall-hrug tal-Mandat huwa evidenti ghaliex altrimenti ma hemm xejn fl-assi ereditarju li jista' jaghmel tajjeb biex jikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

L-intimati ssollevaw eccezzjonijiet preliminari procedurali. Il-Qorti qabel kollox ser tindirizza l-eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors odjern.

**In-Nullita' tar-rikors promotur *ai termini* tal-artiklu 831 (1) tal-Kap.12**

Il-Qorti ser tindirizza din l-eccezzjoni ghaliex, fil-fehma taghha, ghandha tigi akkolta kif ser jirrizulta.

Bhala punt preliminari, kif gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Anthony Sammut -vs- Paolo Sammut *et.***,( Sede Civili, 11 ta' Mejju 1962), *"L-ispedizzjoni tal-mandat ma ghandhiex tigi ritardata hlief jew minhabba xi difett fir-rekwiziti ta' forma preskritta mil-ligi, ghax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-disposizzjonijiet dwar il-mandat;..."*

Il-kaz tallum jittratta proprju dwar difett radikali fir-rekwiziti ta' forma preskritta mil-ligi u ghalhekk ghandha tigi indirizzata f'dan il-fazi preliminari u kawtelatorju.

**L-Art.831. (1**) jghid "*It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*

*(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u (b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba. Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha. (2) Ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament:"*

Ir-rikorrenti ma ddikjaratx fir-rikors l-ammont li qed tikkalkula *ai fini* tat-talba taghha. Skont l-intimati, ir-rikorrenti lanqas ma tissoddisfa dak rikjest fis-subinciz (a) tal-artiklu imsemmi, izda l-Qorti ma taqbilx ma din l-ahhar sottomissjoni billi ma hemmx dubbju li r-rikorrenti qed titlob kumpens ghas-servigi rezi mill-intimati u li, allura, l-origini u x-xorta tad-debitu/pretensjoni jirrizultaw *prima facie*.

Dwar l-ommissjoni tal-kalkolu tal-kreditu pretiz, wiehed ghandu ihares wkoll lejn dak dispost fl-**Art 789(1) tal-Kap 12** fejn jinsabu stabbiliti r-ragunijiet sabiex l-eccezzjoni ta' nullita tista` tinghata. Huma stipulati erba' kazijiet tassattivament, fis-sens li biex att gudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa’ taht il-parametri ta’ xi wahda minnhom.Dawn ir-ragunijiet huma :-

*"(a) jekk in-nullita hija iddikjarata mil-liġi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita', preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi :*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullita kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li n-nullita' hija eccepibbli taht is-subartiklu (a) u (d).

Illi, fil-*proviso* il-ligi qeghda taghmel riferenza ghall-bidliet

illi jistghu jsiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-**artikolu 175 tal-Kapitolu 12,** kif mibdul fis-sena 1995. Skont dan l-artikolu il-Qorti tista' tippermetti tibdil fl-iskritturi *inter alia* billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. Ukoll skont **l-artikolu 175(3)** il-Qorti tista' minn raghja tordna li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju.

Hu pacifiku li  att gudizzjarju ghandu, safejn jista' jkun, ma jigix imhassar jekk jista' jigi salvat, izda wkoll, li l-qorti ma tintuzax biex tippremja t-traskuragni fit-thejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u taghraf fejn zball ikun wiehed genwin;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li n-nullita' tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni eccezzjonali imputabbli ghal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[1], liema difett ma jkunx jista' jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali[2].

Issa, fil-kaz in ezami id-difett eccepit huwa li l-partikolaritajiet stipulati tassattivament bl-artiklu 831 huma nieqsin mir-rikors promotur.

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-kwestjoni fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, hija tikkonsidra li l-ommissjoni ta' ammont ikkalkolat *ai fini* tat-

[1] App. Kumm. 30. 6. 1994  fil-kawza fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: LXXVIII. ii. 172)
[2] Ara App. Civ. 21. 5. 1995  fil-kawza fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol:LXXIX. ii. 434) u s-sentenzi hemm imsemmija

talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju twassal ghan-nullita' tal-att u mhiex sanabbli *ex officio.*

Huwa minnu li l-kreditu pretiz huwa wiehed *da liquidarsi* izda huwa car li l-legislatur kien anticipa din l-eventwalita' fl-**artiklu 382** fejn jinsisti li jigi mfisser ammont pretiz anke f'kaz bhal dan. Skont dan l-artiklu "*meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, bhal ma hu fil-kaz odjern, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu.*" (sottolinear tal-Qorti).

Ghalhekk, ghalkemm it-talba tar-rikorrenti *nomine* hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, fejn f'diversi kazi l-jedd pretiz ma jissarrafx fil-hlas ta' ammont, ir-rimedju minnha stess mitlub huwa rimedju ta' likwidazzjoni u ħlas ta' servigi rezi, jiġifieri somma li tikkostitwixxi "*talba li tista' tkun soddisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus*".

Huwa car li l-legislatur irid li l-kreditur ifisser ammont anke jekk dan huwa biss approssimattiv (*bejn wiehed u iehor).*

Ir-raguni ghall-htiega li jigi indikat ammont ta' kreditu, *ai fini* tal-hrug tal-mandat, hija ovvja ghaliex altrimenti l-intimat ezekutat jibqa' skopert u mizmum milli jaghmel l-attijiet imfissra fl-ordni tal-Qorti minghajr l-ebda limitazzjoni .Tali sitwazzjoni twassal ghall-incertezza fid-domanda tar-rikorrenti u ingustizzja kontra l-intimat. Biex wiehed japprezza l-konsegwenzi ingusti li din l-incertezza tista' tohloq ghad-debitur, bizzejjed li jinghad li d-debitur ma jkunx jista' jitlob il-hrug ta' Kontro-

Mandat billi joffri garanzija ghaliex l-ammont ghall-garanzija, marbut mal-hrug tal-mandat, jibqa’ incert.

Il-Qorti fliet ir-rikors promotur u ma jissemma' xejn li jista' jissarraf f'ammont indikattiv tal-kreditu pretiz u li jista' jintuza bhala punt ta' referenza biex jigi ikkalkolat l-ammont li jrid jigi kkawtelat. Id-difensur tar-rikorrenti ssottometta li hi qed tippretendi kumpens ghas-servigi rezi ghall-perjodu ta' 15-il sena u allura l-ammont mhuwiex wiehed fqir. Izda dan kollu huwa spekulattiv ghaliex ihalli lid-debitur f'dak il-limbu li proprju l-artikou 831 ried jevita.

Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta hija konformi mal-posizzjoni ribadita fil-kaz fl-ismijiet **l-Avukat Anthony Galea noe. vs Adrian Agius** deciza fil-31 ta’ Lulju 2014 (PAJRM) fejn gie ritenut li:-

*"Tqis għalhekk li n-nuqqas tar-rikorrent nomine li jsemmi l-valur tal-pretensjoni tiegħu hija nuqqas ewlieni li jolqot is-siwi tal-att ġudizzjarju li ressaq quddiem din il-Qorti. Minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara li nuqqas bħal dan iġib il-piena tan-nullita’. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament u għalhekk hija*

*waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li jgħodd għalihom l-**artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12** li, għall-kuntrarju tas-sub-inċiż (ċ) tal-istess artikolu, ma fihx is-salvagwardja li l-parti intimata trid turi l-ħsara li ma tistax tissewwa li tkun ġarrbet minħabba dak in-nuqqas*".

Il-Qorti f'din l-ahhar sentenza kompliet tghid hekk:

*"Tqis ukoll li n-nuqqas ta' tismija jew indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni min-naħa tar-rikorrent nomine twassal ukoll għal ħsara jew preġudizzju lill-intimat f'każ li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub kellha tintlaqa'.*

*Dan jingħad għaliex, f'każ li t-talba kellha tintlaqa' kif inhi, se' jkun impossibbli għall-intimat li jħares il-jeddijiet tiegħu skond il-liġi bir-rimedju disponibbli ladarba ma hemm l-ebda indikazzjoni tas-somma kawtelata u r-raġonevolezza tal-pretensjoni jew l-eżistenza ta' garanzija oħra għaliha".*[3]

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija gustifikata u ser tigi milqugha.

Il-Qorti fic-cirkostanzi, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra sollevati kemm procedurali kif ukoll sostantivi.

## III. DECIDE.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi:

**Tiċħad it-talba** għall-ħruġ tal-Mandat minħabba n-nullita' tal-att li bih saret it-talba, iżda bla ħsara għal kull rimedju ieħor xieraq li l-istess rikorrent tista' tinqeda bih skont il-liġi;

[3] Ara, b'eżempju, l-art 836(1)(ċ)(d)(e) u (f) tal-Kap 12

**Tħassar u tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-18 ta' Marzu, 2015 safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent *nomine* b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti thallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------